MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' April, 2003

**Nicholas DEBONO u ibnu Francis Debono**

**vs**

**REĠISTRATUR PRINĊIPALI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, u Onor. Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-1 t'Ottubru, 2002, li bih ir-rikorrenti ippremettew:

Illi fil-5 ta' Lulju, 2000 l-Onor. Qorti Prim'Awla ppronunzjat sentenza f'kawża li kienet intavolata fl-1996 kontra l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma u d-Direttur tad-Drenagg (Ċitazz.). Dik il-kawża kellha tiġi trattata b'urgenza kif kienet dekretat l-istess Qorti;

Illi l-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-ilma u d-Direttur tad-Drenagg intavolaw rikors tal-Appell nhar il-25 ta' Lulju 2000;

Illi s-sottomissjonijiet mill-Appellanti u r-risposta ta' l-appellati, il-protestanti odjerni, ġew remissi għall-kunsiderazzjoni ta' l-Onor. Qorti tal-Appell u għalhekk il-proċeduri bil-miktub jinsabu magħluqa;

Illi l-Artiklu 152(1) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jimponi fuq ir-Reġistratur l-obbligu illi l-kawża li tkun appellata **għandha titqiegħed fuq il-lista għas-smigħ mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-prezentata tar-rikors ta' l-Appell;**

Illi peress li r-rikors ta' l-Appell ġie prezentat fil-25 ta' Lulju, 2000 u sallum dak l-Appell għad ma ġiex imqiegħed fuq il-lista għas-smigħ;

Illi peress li sar rikors fil-31 ta' Lulju 2002 fejn ġew elenkati r-raġunijiet għaliex dak l-Appell għandu jiġi trattat u deċiż f'data viċina;

Illi peress li sallum, meta qed tiġi ntavolata din il-kawża, għad m'hemmx hjiel meta dan l-Appell se jinstema u jiġi deċiż, b'minkejja li ngħatat Ordni biex dak l-Appell jitpoġġa fuq il-lista tal-kawżi kif titlob il-liġi;

Illi peress li f'Appell divers, li ġie intavolat sena ilu, fl-ismijiet Jos Scicluna et vs Anthony Tonna (Ċitaz. 907/99) GV) ġie appuntat għat-13 ta' Jannar 2003 wara rikors li sar fil-5 ta' Lulju 2002 a bażi tal-istess Artiklu 152(1);

Illi peress dan qed jikser l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijet tal-Bniedem fejn dik il-Qorti Ewropea ppronunzjat diversi sentenżi dwar ksur tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni fejn ikun hemm kawżi li ma jiġux mismugħa u deċiżi fi żmien ragonevoli, ta' liema Konvenzjoni Mata hi waħda mill-firmatarji;

Illi dan hawn fuq espost kien inġieb a konjizzjoni tar-Reġistratur bil-Protest Ġudizzjarju kontra l-intimat Reġistratur fis-16 t'Awissu, 2002 fejn ir-rikorrenti żammewh responsabbli in dolo, kulpa u mora għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Talbu għalhekk ir-rikorrenti biex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimati qegħdin jonqsu gravement meta qed iħallu li tinkiser il-liġi u l-Kostituzzjoni;

2. Tiddikjara lill-intimati ħatja ta' ksur tal-liġi u ċjoe' l-artikolu 152(1) tal-Kodiċi ta' l-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12);

3. Tiddikjara lill-intimati ħatja tal-ksur tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ġew aċċettati fil-liġi Maltija skond il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Tordnalhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu osservati l-liġijiet u l-prinċipji elenkati fl-istess Konvenzjoni u Kapitolu 319 u b'hekk il-kawża titpoġġa għal data viċina fuq il-lista tal-Kawżi quddiem il-Qorti tal-Appell; u

5. Tikkundannahom iħallsu lir-rikorrenti d-danni sofferti likwidati li jkunu, fl-opinjoni ta' din l-Onor. Qorti, danni raġonevoli fiċ-ċirkostanzi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Protest Ġudizzjarju tas-16 t'Awissu, 2002, u dawk konnessi mal-każ, kontra l-konvenuti (*sic*) minn issa inġunti in subizzjoni;

Rat id-Degriet tagħha tat-2 t'Ottubru, 2002, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għad-9 t'Ottubru, 2002;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fis-7 t'Ottubru, 2002, li biha huma eċċepew:

Illi preliminarjament ir-rikorrenti jridu jiddikjaraw jekk il-kawża odjerna hiex waħda kostituzzjonali jew hiex waħda ċivili u dan stante li fir-rikors promutur, ir-rikorrenti jiċċitaw

l-artiklu 152 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Jekk ir-rikorrenti jiddikjaraw li din hija kawża ċivili, allura ma jkunx hemm lok għar-referenza għall-Kostituzzjoni jew għall-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta u wisq inqas ma jkun hemm lok li r-rikorrenti jitolbu rimedju a bażi ta’ xi waħda minn dawn iż-żewg liġijiet;

Mill-banda l-oħra jekk ir-rikorrenti jaraw il-kawża bħala waħda bażata fuq l-Art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4 tal-Kap 319 allura jridu jispjegaw għaliex ma rrikorrewx għar-rimedju ordinarju taħt l-Art. 152 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi huma stess qegħdin jiċċitaw;

Illi, subordinatament u mingħajr pregudizzju għall-premess, fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti għandhm jiġu miċħuda stante li l-fatti tal-każ ma jirriżultawx fi ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta jew tal-Art. 152 tal-Kodiċi t’Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni tagħhom;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-9 t’Ottubru, 2002, li fih l-avukat tar-rikorrenti, b’riferrenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-intimati, iddikjara li l-azzjoni mibdija kienet dik speċjali[1] dwar ksur ta’ jedd fondamentali tal-bniedem kif imħares taħt il-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem;

Rat id-Degriet tagħha tad-9 t’Ottubru, 2002, li bih ordnat il-bidla fl-atti kif mitluba mir-rikorrenti, u li l-atti tal-Kawża numru 2023/96DS maqtugha fil-5 ta’ Lulju, 2000, jiġu mehmużin mal-atti tar-Rikors;

Semgħet ix-xhieda mressqa mir-rikorrenti, magħduda dik bil-meżż tal-afidavit;

---

[1] Imħarsa bir-Regolament 2 u 3 tal-A.L. 35 tal-1993

Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Novembru, 2002, fejn il-Qorti ġiet mgħarrfa li l-appell mis-sentenza li dwarha tressaq ir-Rikors kien ġie appuntat għas-smigħ għall-10 ta' Diċembru, 2002, u fejn ir-rikorrenti iddikjaraw li ma kellhomx provi oħrajn x'iressqu;

Rat id-Degriet tagħha tas-27 ta' Jannar, 2003[2], fuq talba magħmula b'rikors tat-13 ta' Jannar, 2003[3], li bih ċaħdet talba tar-rikorrenti biex tassenja s-smigħ tar-Rikors lil ġudikant ieħor;

Rat id-Degriet tagħha tas-6 ta' Frar, 2003[4], li bih u fuq talba b'rikors imressaq mir-rikorrenti fil-5 ta' Frar, 2003, ressqet 'il quddiem is-smigħ tar-rikors għas-6 ta' Marzu, 2003;

Rat id-degrieti tagħha tas-6 ta' Marzu, 2003, li bihom għalqet l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tal-aħħar tagħhom bil-mezz ta' Noti ta' Osservazzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fis-26 ta' Marzu, 2003[5];

Rat illi l-intimati ma ressqux Nota ta' Osservazzjonijiet bi tweġiba, fiż-żmien mogħti lilhom;

Rat id-Degriet tagħha tat-23 t'April, 2003, fuq talba b'rikors imressaq mill-intimati fil-21 t'April, 2003, li bih ħalliet lill-intimati jressqu Nota ta' Sottomissjonijiet bi tweġiba għan-Nota tar-rikorrenti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati[6];

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

---

[2] Paġ. 43 tal-proċess
[3] Paġ. 42 tal-proċess
[4] Paġ. 45 tal-proċess
[5] Paġġ. 50-1 tal-proċess
[6] Paġġ. 56 sa 60 tal-proċess

Rat id-Degriet tagħha tas-6 ta’ Marzu, 2003, li bih ħalliet ir-Rikors għal-lum għas-sentenza fin-nuqqas ta’ xkiel;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrenti qegħdin jilmentaw li l-intimati kisru l-jedd tagħhom ta’ smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u dan għaliex naqsu, jew min minnhom, li jqegħdu appell minn sentenza li ngħatat mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta’Lulju, 2000, għas-smigħ quddiem il-Qorti tal-Appell fiż-żmien ta’ mhux iżjed minn sitt (6) xhur minn dak inhar li tressaq ir-rikors tal-appell, kif imsemmi fl-artikolu 152(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta’ Malta;

Illi, għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi bdew biex talbu lir-rikorrenti jgħidu jekk l-azzjoni mibdija minnhom kinitx waħda ċivili (f’liema każ ma japplikawx ir-riferenzi magħmula mir-rikorrenti għall-ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni) jew jekk hix waħda ta’ għamla kostituzzjonali (f’liema każ jitolbu lir-rikorrenti jfissru għaliex ma wettqux ir-rimedji ordinarji li tagħtihom il-liġi qabel ma ressqu r-rikors preżenti). Żiedu jgħidu wkoll, fil-mertu, li b’dak li ġara ma nkisret la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni;

Illi dwar l-ewwel “eċċezzjoni”, ir-rikorrenti għamlu d-dikjarazzjoni tagħhom sewwasew fl-ewwel smigħ tar-rikors, għalkemm dan ma kienx tassew meħtieġ li jagħmluh għaliex kien evidenti mill-atti nfushom li l-ilment tagħhom kien imsejjes fuq talba għal għoti ta’ rimedju għal ksur allegat ta’ dritt fondamentali;

Illi dwar jekk ir-rikorrenti kinux wettqu r-rimedji ordinarji miftuħin għalihom qabel ma ressqu l-preżenti rikors, l-intimati ma taw l-ebda tifsira ta’ x’kienu dawn ir-rimedji taħt l-artikolu 152. Il-Qorti tinnota, madankollu, li sakemm inbdiet il-kawża, ir-rikorrenti kienu ressqu talba b’rikors sabiex jitolbu li l-appell jiġi appuntat għas-smigħ. Tinnota wkoll li r-rikors li kienu ressqu r-rikorrenti biex is-smigħ tal-appell jiġi appuntat ma kienx tahom eżitu pożittiv.

M'hemm xejn, għalhekk, x'iżomm lil din il-Qorti milli tqis l-ilment tar-rikorrenti jew li tqis li jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, jekk din kienet il-fehma tal-intimati bl-imsemmija eċċezzjoni;

Illi, naturalment, dan kollu qiegħed jingħad bla ħsara ta' l-fatt li xi żviluppi li seħħew fil-mori tas-smigħ ta' dan ir-Rikors jistgħu jwasslu lil din il-Qorti li tastjeni milli tipprovdi dwar xi talbiet tar-rikorrenti;

Illi, mill-fatti li jidhru mill-atti tar-Rikors, jirriżulta li r-rikorrenti kienu fetħu kawża kontra l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Ġunju tal-1996 ġĊitazzjoni Numru 2023/96DSħ. Kien ingħata degriet li l-kawża kellha tinstama' bl-urġenza. Is-sentenza ngħatat fil-5 ta' Lulju tal-2000, favur ir-rikorrenti (l-atturi f'dik il-kawża). Jidher li waqt is-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti, l-proċess kien għamel xi żmien mitluf[7] u li kien hemm ukoll xi disgwid dwar nuqqas ta' verbali tas-smigħ quddiem l-ewwel qorti qrib l-1997[8]. Il-Korporazzjoni mħarrka appellat minn dik is-sentenza u ressqet rikors fl-20 ta' Lulju, 2000. L-appell baqa' ma ġiex appuntat għas-smigħ u r-rikorrent Nicholas Debono ressaq Protest Ġudizzjarju kontra l-intimat Reġistratur tal-Qrati fis-16 t'Awissu, 2002[9]. Minbarra dan, fil-31 ta' Lulju, 2002, ir-rikorrenti ressqu rikors quddiem il-Qorti tal-Appell biex jitolbu li l-appell jiġi mqiegħed għas-smigħ, u l-Qorti tal-Appell laqgħet it-talba b'Degriet tagħha tat-28 t'Awissu, 2002[10], fis-sens li ordnat li "l-kawża tiġi appuntata skond il-liġi". Sal-1 t'Ottubru, 2002, meta tressaq ir-Rikors preżenti, s-smigħ tal-appell mill-kawża ma kienx għadu ngħata data. Kif ingħad qabel, matul iż-żmien li kien qiegħed jinstama' dan ir-Rikors, l-appell ġie appuntat u mogħti smigħ;

Illi, minbarra dan, ir-rikorrenti wrew li appell li kien sar f'kawża oħra[11] f'Lulju tal-2001, ġie appuntat u mogħti

[7] Xhieda ta' Albert Portelli 28.11.2002, f'paġ. 29 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Joyce Aġius 28.11.2002, f'paġġ. 38 sa 40 tal-proċess
[9] Dok "Ċ", f'paġġ. 23-4 tal-proċess
[10] Dok "D", f'paġġ. 21-2 tal-proċess
[11] Ċitazz. Nru. 907/99GV maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tas-27 ta' Ġunju,2001

smigħ, għalkemm dik is-sentenza ngħatat wara tagħhom u dan wara li kien sar rikors lill-Qorti tal-Appell għal dan il-għan mill-parti appellata[12];

Illi r-rikorrent fisser sewwasew x'inhu l-ilment tiegħu meta qal li wara li kien tressaq l-appell mill-parti mħarrka kontra s-sentenza mogħtija f'Lulju tal-2000, kien jitla' l-Qorti kull xahar u jindaga fir-Reġistru biex jara meta kien sejjer jibda s-smigħ tal-appell. Kien jiġi mgħarraf li l-appuntamenti tal-appelli kienu jinsabu b'lura b'madwar sentejn u ma kienx hemm ħjiel meta l-kawża kienet sejra titqiegħed għas-smigħ[13]. Aktar 'il quddiem għamel tiftix u sab li sa Ġunju tal-2002 kien hemm aktar minn ħames mitt (500) kawża maqtugħa minn Frar tal-2000 sa dak inhar li ma kinux għadhom ġew appuntati għas-smigħ;

Illi irriżulta li d-Deputat Reġistratur tal-Awla tal-Qorti tal-Appell tieħu struzzjonijiet mis-Sinjorija Tiegħu l-Prim'Imħallef biex jittellgħu għandha xi proċessi li qegħdin jistennew is-smigħ u tagħtihom data għas-smigħ. Madankollu, irriżulta wkoll li, minn ċertu żmien qabel, hija tkun ġabret għandha l-proċessi skond il-ħin disponibbli għaliha u tillestihom għal meta jkunu appuntati għas-smigħ[14]. Ġew imfissra wkoll iċ-ċirkostanzi marbuta mar-rikors imressaq mir-rikorrenti f'Lulju tal-2002, u r-raġunijiet għaliex l-appell ma ġiex appuntat minnufih;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-aspetti legali tal-ilmenti tar-rikorrenti</u>, il-Qorti tibda biex, qabel xejn, tagħmel żewġ osservazzjonijiet preliminari. Fl-ewwel lok, għandu jingħad li għalkemm fl-ewwel smigħ intalab li l-atti tal-kawża[15] li fuq id-dewmien tas-smigħ tal-appell mis-sentenza tagħha qiegħed jitressaq dan ir-rikors kellha tkun mehmuża mal-atti ta' dan ir-rikors, għal parti kbira miż-żmien li dan ir-rikors kien qiegħed jinstama' l-atti ta' dik il-kawża ma kinux għad-dispożizzjoni ta' din il-Qorti. Dan ġie hekk verbalizzat fis-smigħ tat-28 ta' Novembru, 2002. Dan ġara peress li, wara li nbdew il-preżenti

---

[12] Dok "X", f'paġġ. 18 sa 20 tal-proċess u Affidavit ta' Joseph Scicluna 28.10.2002, f'paġ. 25 tal-proċess
[13] Affidavit tar-Rikorrent 5.11.2002, f'paġġ. 15-6 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Charmaine Buġeja 28.11.2002, f'paġġ. 31-4 tal-proċess
[15] Ċitazz. Nru. 2023/96 fl-ismijiet "*Nicholas Debono vs Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma et*"

proċeduri, l-appell minn dik is-sentenza ġie appuntat, bl-ewwel smigħ ikun fl-10 ta' Diċembru, 2002, u dik il-kawża issa tinsab imħollija għas-sentenza għal data fil-qrib[16]. Għalhekk, din il-Qorti ma setgħetx tirreferi għal dawk l-atti, jekk kien hemm ħtieġa ta' dan;

Illi jrid jingħad, madankollu, li l-Qorti qegħda tifhem li l-ilment tar-rikorrenti f'din il-kawża huwa msejjes fuq id-dewmien fl-għoti tal-ewwel appuntament tas-smigħ fl-appell mis-sentenza mogħtija f'dik il-kawża mill-Qorti tal-Ewwel Istanza, u mhux dwar xi aspett fil-mertu tal-istess. Wara kollox, il-garanziji kostituzzjonali u tal-Konvenzjoni fir-rigward tas-smigħ xieraq kif protetti fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni huma ta' natura prettament proċedurali li bl-ebda mod ma jolqtu l-qofol tal-mertu tal-mertu tal-kontestazzjoni ta' dritt jew l-obbligazzjoni li jkun qed jiġi trattat quddiem xi qorti[17]. Ma jidhirx li kien essenzjali għall-Qorti li biex tasal li tqis l-ilment hi jkollha dawk l-atti f'idejha. Dan qiegħed jingħad kemm minn kif inhu mfassal ir-rikors promotur, kemm mis-sottomissjonijiet xotti magħmulin mir-rikorrenti u kif ukoll mill-għamla tar-rimedju mitlub, u dan għalkemm, fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent jilmenta minn tul tas-smigħ tal-kawża ta' aktar minn sitt (6) snin;

Illi t-tieni preċiżazzjoni li għandha ssir hija li l-artikolu tal-Kodiċi tal-Proċedura li l-azzjoni preżenti tistrieħ fuqu - jiġifieri l-artikolu 152(1) tal-Kap 12 - inbidel għal kollox matul is-smigħ ta' din il-kawża bl-Att XXXI tal-2002 li għadda mis-Seduta tal-Kamra tad-Deputati numru 840 fis-17 ta' Diċembru, 2002, u rċieva l-kunsens presidenzjali fil-31 ta' Diċembru, 2002. Fil-verżjoni tal-artikolu li daħlet minflok dik ta' qabilha, tneħħiet kull riferenza għat-terminu ta' sitt xhur, u daħal minfloku proċediment li jrid isir fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar dwar dawk il-kawżi li l-proċediment dwarhom bil-miktub ikun ingħalaq minn tal-anqas ħmistax-il jum qabel. Billi l-imsemmi artikolu ġdid għadu ma daħalx fis-seħħ, u billi, meta tressaq dan ir-rikors, kien għadu fis-seħħ l-artikolu 152(2) li llum tneħħa,

---

[16] 8 ta' Mejju, 2003

[17] Kost. **7.4.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.127**)

din il-Qorti tifhem li l-ilment tar-rikorrenti għandu jitqies fid-dawl tal-liġi kif kienet meta tnissel l-aggravju. F'kull każ, l-eżerċizzju li din il-Qorti għandha tagħmel huwa dak li tqis x'jikkostitwixxi "smigħ xieraq fi żmien raġonevoli" fil-qasam ta' kawża ta' natura ċivili u tkejjel is-sejbiet tagħha maċ-ċirkostanzi tal-każ li għandha quddiemha;

Illi r-rikorrenti jgħidu li n-nuqqas ta' appuntament tas-smigħ fl-appell tal-kawża tagħhom jikser kemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif imdaħħla fil-liġi tagħna bl-Att XIV tal-1987 (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), fl-ewwel Skeda tal-imsemmi Att. L-artikolu 39, li jitkellem dwar id-drittijiet basiċi għal smigħ xieraq, jirreferi kemm għal proċeduri ta' natura kriminali u wkoll dawk ta' natura ċivili, li jirreferi għalihom bħala dawk li jwasslu "għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili"[18]. Fiż-żewġ każijiet, il-Kostituzzjoni tisħaq fuq smigħ xieraq egħluq żmien raġonevoli, minn Qorti imparzjali u indipendenti mwaqqfa b'liġi. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jisħaq dwar l-istess elementi ewlenin, u b'żieda magħhom għandu dispożizzjonijiet dwar l-element tal-pubbliċita' tas-sentenzi mogħtija[19];

Illi nkiteb mill-awturi mrawmin f'dan il-qasam tad-Dritt li "*the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'.*"[20]

Illi ingħad b'awtorita' mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni huma maħsuba biex, fi proċeduri dwar drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili, jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* u tan-*nemo judex in causam propriam*. Miżjuda ma' dan il-

[18] Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni
[19] Art 6(1) tal-Konvenzjoni: iż-żewġ subartikoli l-oħrajn japplikaw biss fil-każ ta' proċediment penali
[20] Harris, O'Boyle & Warbrick <u>Law of the European Convention on Human Rights</u> (1995), paġ. 164

għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża[21]. Imbagħad, f'każ ta' appell, l-obbligu ta' smigħ xieraq, trattazzjoni u deċiżjoni huwa aktar impellenti u doveruż, għaliex mhux biss l-appellant imma l-parti appellata wkoll (jekk mhux iżjed) għandha dritt għal tali smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Għaliex, daqskemm il-parti telliefa fl-ewwel istanza għandha jedd li tressaq appell minn sentenza quddiem Qorti ogħla, daqstant ieħor, b'ħarsien tal-prinċipju aċċettat tal-*equality of arms*, il-parti rebbieħa għandha jedd tistenna li tieħu sentenza mit-tieni Qorti bla dewmien żejjed[22];

Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, m'huwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien[23]. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;

Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv[24];

[21] Kost. **10.6.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Leone Misrahi et vs Rosaria Cassar et*** (mhix pubblikata)
[22] Kost. **13.10. 1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Urso vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.115**)
[23] Kost. **27.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.160**)
[24] Kost. **23.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Manduca vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.1** a paġ. 23)

Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija[25]. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "... *(tħat article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision ġ**Salesi vs Italy** (26/2/1993)ħ. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility ġ**Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994)ħ*[26]. Iżda, dan l-aħħar, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "*whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time ġ**Horvat vs Croatia** (26/7/2001)ħ*[27] ;

Illi meta mbagħad ġie mistħarreġ l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: "*reasonableness ... must be assessed in each case according to the particular circumstances. ... The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities...*"[28] magħdud ma' dawn ukoll "*..the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*"[29]. Ta' min jgħid li l-kriterju tar-raġonevolezza fil-mixi 'l quddiem ta' smigħ ta' kawża ta' indoli ċivili sakemm jagħlaq iż-żmien biex sentenza tiġi appellata jew, fin-nuqqas ta' appell, sakemm is-sentenza dwar il-vertenza ssir ġudikat[30], u għalkemm m'hemm l-ebda terminu assolut u m'hemm l-ebda fattur partikolari

---

[25] P.A. Kost. **29.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Attard noe vs Il-Prim Imħallef Dr. Carmelo Schembri et*** (mhix pubblikata)
[26] Ara A.P. vs Italy **28.7.1999** (Applic. 35265/97) par 18
[27] Ara Culjak vs Croatia **19/12/2002** (Applic. 58115/00) par 63
[28] Ara Buchholz vs Germany **6.5.1981** (Applic. 7759/77) par 49
[29] Ara Gast & Popp vs Germany **25.2.2000** (Applic. 29357/95) par 70
[30] Harris, O'Boyle & Warbrick *Op. cit.*, paġ. 196

hawn fuq imsemmi li waħdu huwa determinanti, iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b'effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali[31];

Illi ngħad li filwaqt li l-Istat ma jaħtix ta' ksur ta' d-dritt għal smigħ xieraq minħabba l-għamil jew dewmien imnissel mill-parti li kontra tagħha l-applikant iressaq proċeduri ċivili, jew minħabba n-nuqqas ta' tħabrik minn avukat maħtur għall-applikant ukoll jekk bil-benefiċċju tal-għajnuna legali, "*in non-criminal cases, States have been held responsible for delays in civii and administrative courts in performing routine registry tasks, in the conduct of the hearing by the court... and for delays caused by lack of co-ordination between administrative authorities*"[32];

Illi ma hemmx dubju minn dak li ħareġ mill-provi miġbura waqt it-trattazzjoni tal-kawża, li dak li seħħ dwar l-atti tal-kawża li fiha r-rikorrenti kienu appellati kien marbut sewwa mal-għadd kbir ta' kawżi pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u li allura jġibu magħhom tabilfors dewmien fis-smigħ tagħhom minn dak li l-imsemmija Qorti tista' umanament tkun f'qagħda li tittratta. Dwar dewmien fis-smigħ ta' kawżi minħabba l-għadd kbir ta' kawżi li jkunu qegħdin jistennew is-smigħ, il-Qorti Ewropeja kellha dan xi tgħid: "*A temporary backlog of court business does not entail a Contracting State's international liability, if it takes appropriate remedial action with the requisite promptness ġ**Union Alimentaria Sanders vs Spain** (7/7/1989)ħ. However, according to the Court's established case-law, a chronic overload cannot justify an excessive length of proceedings*"[33]. F'kawża oħra maqtugħa mill-istess Qorti f'dawn l-aħħar xhur u li kienet tittratta sewwasew ilment dwar dewmien fi proċeduri ċivili fi stadju tal-appell[34], ġie deċiż li kien hemm nuqqas ta' dewmien raġonevoli fit-tmexxija tal-proċediment u għalhekk ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fejn kien hemm nuqqas mir-reġistratur biex ilaqqa' s-seduta meħtieġa biex l-appell jitqiegħed

[31] *Ibid.*, paġ. 223
[32] *Ibid.*, paġ. 225
[33] Ara Pammel & Probsteiner vs Germany **1/7/1997** (Applic. 17820/91) par 69
[34] Ara Foley vs U.K. **22/10/2002** (Applic. 39197/98) par 39

għas-smigħ u fejn kien hemm nuqqas ta' data f'waqtha għall-istess smigħ;

Illi f'dan il-kuntest inkiteb b'awtorita' wkoll li "*The Convention places a duty on the contracting parties, which applies regardless of cost, 'to organise their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6(1)'. It follows that a State may be held liable not only for any delay in the handling of a particular casein the operation of a generally expeditious system for the administration of justice, but also for a failure to increase resources in response to a backlog of cases and for structural deficiencies in its system of justice that causes delay*"[35];

Illi minn dak li jirriżulta fil-każ preżenti, wieħed isib li ż-żmien li għandu jitqies biex jiġi mistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti huwa dak bejn il-5 ta' Lulju, 2000, meta ngħatat is-sentenza tal-ewwel Qorti li minnha sar l-appell u t-28 t'Awissu, 2002, meta l-Onorabbli Qorti tal-Appell laqgħet it-talba tar-rikorrenti biex l-appell jiġi appuntat (għalkemm kien biss madwar xahrejn wara dik id-data li l-jum tas-smigħ ġie stabilit għall-10 ta' Diċembru, 2002). Din il-Qorti, fid-dawl tal-osservazzjonijiet li għadha kemm għamlet, ma għandha l-ebda dubju li l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes tajjeb. Dan għaliex, minkejja ċ-ċirkostanzi kollha tal-qagħda quddiem dik il-Qorti, l-artikolu 152(1) tal-Kapitolu 12 ma ġie mħares bl-ebda mod, u ż-żmien ta' sitt (6) xhur **massimu** previst f'dak l-artikolu biex kawża appellata tingħata smigħ inqabeż qatigħ. Minbarra dan, jirriżulta wkoll li kien biss wara li r-rikorrenti ressqu **żewġ atti ġudizzjarji** (rikors u protest ġudizzjarju) li dak li talbu ngħata. F'dan ir-rigward, is-sottomissjoni tagħhom fis-sens li l-intimat Reġistratur Prinċipali tal-Qorti ma kellux għalfejn jistenna li jintalab jaġixxi skond il-liġi biex iħarisha għandha mis-sewwa. L-obbligu impost minn dak l-artikolu fuq ir-Reġistratur kien wieħed tassattiv u mandatarju: ladarba ma wettqux, ħoloq ksur ta' regola ewlenija proċedurali li xekklet il-jedd ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli u għal liema ksur ir-rikorrenti mank jaħtu;

[35] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.*, paġ. 227

Illi min-naħa l-oħra, hemm ċerta siwi f'dak li l-intimati jissottomettu fin-Nota tagħhom dwar il-fatt li r-rikorrenti setgħu ressqu t-talba tagħhom b'rikors qabel u mhux ħallew iżjed minn sentejn biex għamlu l-pass. Iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan is-siwi huwa wieħed limitat għall-aħħar, għaliex (a) ir-rikorrent wera li kien assidwu u diliġenti li jsegwi x'kien qiegħed jiġri mill-proċeduri pendenti l-appell; (b) li ma kellu l-ebda ħtija li emmen lil min (impjegat tal-istess intimat) qallu li s-smigħ tal-kawżi fl-appell kien qiegħed lura b'madwar sentejn; (ċ) li hekk kif "intebah" x'għamel ħaddieħor biex iseħħlu jingħata data għal smigħ, għamel bħalu mingħajr ħela ta' żmien; u (d) għaliex l-**obbligu li kawża appellata titqiegħed għas-smigħ kien obbligu fuq l-intimat Reġistratur** u mhux fakulta' mogħtija lill-parti appellanti jew appellata. B'żieda ma' dan, il-Qorti tqis li l-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell laqgħet it-talba tar-rikorrenti biex l-appell jitqiegħed għas-smigħ juri kemm kienet mistħoqqa t-talba, u kemm kien sejjer ikun inġustifikat id-dewmien ulterjuri fl-għoti tal-appuntament tas-smigħ li kieku tali rikors ma kienx tressaq. Għall-Qorti, dan il-fatt u l-inferenza li titnissel minnu jkomplu jqawwulha l-fehma li l-jedd tar-rikorrenti minnhom lamentat fir-Rikors preżenti kien qiegħed jinkiser ma' kull jum li jgħaddi inutilment;

Illi għalhekk, ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li r-rikorrenti seħħilhom juru li seħħ fil-konfront tagħhom ksur tal-jedd fondamentali tagħhom għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, huwa meħtieġ li jitqies ir-rimedju li għandu jingħatalhom minħabba tali ksur. Kif tajjeb jgħidu l-intimati fis-sottomissjonijiet tagħhom, uħud mit-talbiet ġew eżawriti matul is-smigħ tar-rikors, u dan billi l-appell mis-sentenza f'dawk il-proċeduri ġie appuntat (wara, jiġi ripetut, li kien tressaq ir-Rikors preżenti), trattat u issa mħolli għas-sentenza. B'dan il-mod, l-intimati, jew min minnhom, m'għad fadlilhom xejn iżjed x'jagħmlu biex jaġevolaw il-pożizzjoni tar-rikorrenti. Dan japplika għall-ewwel (1$^{el}$) u r-raba' (4$^{a'}$) talbiet fir-Rikors. Il-Qorti ma taqbilx mal-intimati li t-tieni talba ġiet eżawrita, għaliex il-ksur tal-ħarsien tal-liġi li kienet fis-seħħ fil-waqtiet kollha rilevanti għar-rikorrenti seħħ u ma ġie bl-ebda mod

ġustifikat, bħalma ntwera wkoll għas-sudisfazzjon ta' din il-Qorti li b'dan in-nuqqas ta' ħarsien kien hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti dwar smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli;

Illi jifdal il-kwestjoni ta' x'rimedju għandha tagħti din il-Qorti għall-ksur imġarrab mir-rikorrenti.  L-intimati, meta pprospettaw l-agħar ipoteżi (tagħhom) li l-Qorti ssib ksur fil-jeddijiet tar-rikorrenti, urew il-fehma li s-sejbien innifsu tal-ksur huwa rimedju biżżejjed  għall-finijiet tal-*just satisfaction* li tipprospetta l-Konvenzjoni.  Min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti qegħdin jippretendu l-ħlas ta' "danni sofferti likwidati . . . raġonevoli fiċ-ċirkostanzi".  Meta r-rikorrent Nicholas Debono ressaq ix-xhieda tiegħu b'affidavit, ħadem fuq id-danni li jgħid  li bata "minn mindu bdejt din il-kawża fl-1996...  sa kemm intavolajt ir-Rikors Kostituzzjonali għaddew sitt snin u erbgħa xhur".  Huwa wasal biex jgħid li dawn id-danni "m'għandhomx ikunu anqas minn ħamest elef lira maltin", u dan minħabba li d-danni likwidati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma jistgħux iġorru mgħaxijiet sakemm is-sentenza tgħaddi f'ġudikat;

Illi, bla dubju ta' xejn, din il-Qorti m'hijiex taqbel mal-ebda waħda mill-partijiet dwar il-pożizzjoni meħuda minnhom. Fl-ewwel lok, ma jidhrilhiex li d-dikjarazzjoni nnifisha li kien hemm ksur tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli hija biżżejjed biex tagħti rimedju lir-rikorrenti.  F'dan il-każ issib li r-rikorrenti ġarrbu għamla ta' preġudizzju li llum ma jistax jingħad li huwa għal kollox re-integrat.  Ingħad dwar dan l-aspett li l-Kostituzzjoni trid li jekk rimedju ma jkunx jista' jingħata b'reintegrazzjoni fid-dritt miksur, allura dak ir-rimedju għandu jingħata xort'oħra u dan jista' jikkonsisti fil-ħlas ta' kumpens adegwat.  Fin-nuqqas, il-Kostituzzjoni fl-artikolu 46(1) ma tkunx laħqet l-iskop tagħha li tagħti rimedju[36];

Illi, min-naħa l-oħra, huwa llum il-ġurnata aċċettat li, f'materja ta' kumpens mogħti għal xi ksur ta' jedd fondamentali, ir-rimedju finanzjarju fejn applikabbli fil-każ

---

[36] Kost. **25.10.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit Dimech et vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.154**)

ta' tali ksur m'hux biss m'għandux ikun ekwiparat mad-dannu attwali mġarrab mill-persuna, imma għandu jkun jirrifletti l-gravita' tal-ksur u l-oltraġġ fiżiku u morali li jkun ġie kawżat lill-persuna[37]. Din il-Qorti diġa' qalet li hija qegħda tqis l-ilment preżenti għaż-żmien li beda jgħaddi minn Lulju tal-2000 (u mhux qabel), u għalhekk la sejra tidħol f'kalkolu dwar l-imgħaxijiet li r-rikorrent jgħid li tilef fuq id-danni likwidati fil-kawża minnu mibdija matul iż-żmien kollu li ilha pendenti, u lanqas sejra tqis il-mertu ta' dik il-kawża, li jista' jkun il-mertu ta' azzjoni speċifika spettanti lir-rikorrenti aktar 'il quddiem, u li għalhekk qegħda tibqa' impreġudikata;

Illi, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li ssemmew aktar qabel, u tad-deċiżjonijiet l-iżjed riċenti, din il-Qorti qegħda tordna l-ħlas ta' kumpens bejniethom fis-somma ta' ħames mitt lira Maltija (Lm 500) talli ma tħarisx id-dritt fondamentali tagħhom, pagabbli solidalment mill-intimati;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tastjeni milli tqis l-ewwel u r-raba' talbiet tar-rikorrenti** u dan billi l-mertu tagħhom ġie eżawrit waqt is-smigħ tar-Rikors;

**Tilqa' t-tieni talba** tar-rikorrenti, u tiddikjara li l-intimat Reġistratur Prinċipali tal-Qrati kiser l-obbligi mqegħdin fuqu bl-artikolu 152(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-proċeduri ċivili li fihom ir-rikorrenti kienu parti;

Konsegwentemrnt, **tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti**, u tiddikjara li l-intimat kiser il-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

**Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti**, u tgħid li r-rikorrenti jistħoqqilhom kumpens ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500) bejniethom, pagabbli lilhom mill-intimati solidalment;

---

[37] Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph M. Vella et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (mhix pubblikata)

**Tikkundanna** lill-intimati jħallsu l-imsemmi kumpens lir-rikorrenti kif fuq jingħad, bl-imgħaxijiet legali li jibdew jgħaddu fuq l-imsemmija somma millum sal-jum tal-ħlas effettiv;u

**Tikkundanna lill-intimati** jħallsu l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

--------------------------------TMIEM--------------------------------